IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2017
COM(2017) 248 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja

{SWD(2017) 165 final}

1. Introduzzjoni

L-investiment fin-nies, u b'mod partikolari fiż-żgħażagħ, huwa waħda mill-ogħla prijoritajiet tal-Ewropa. F'Diċembru tal-2016, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-inizjattivi "Ninvestu fiż-Żgħażagħ tal-Ewropa",[1] fejn enfasizzat l-importanza li jinfetħu *opportunitajiet ġodda għaż-żgħażagħ*. Messaġġ importanti huwa li l-kwalità tal-edukazzjoni hija deċiżiva għall-prospetti u għall-opportunitajiet fil-ħajja taż-żgħażagħ. Din l-inizjattiva tibni fuq l-"Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa"[2]. L-edukazzjoni għandha wkoll rwol ċentrali fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[3]. Din il-Komunikazzjoni tagħmel parti minn pakkett ta' inizjattivi li jindirizzaw l-iskejjel, l-edukazzjoni għolja u l-istħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati. Din twieġeb għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru tal-2016.[4] Din tappoġġja l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli nru 4 tan-NU dwar l-edukazzjoni.[5]

Edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd se tgħin lill-Ewropa sabiex tikseb l-objettivi ekonomiċi u soċjali tagħha. Edukazzjoni tajba hija l-bażi ta' soċjetajiet inklużivi u reżiljenti. Hija l-punt tat-tluq għal karriera professjonali ta' suċċess u l-aqwa protezzjoni kontra l-qgħad u l-faqar. Trawwem l-iżvilupp personali u tistabbilixxi l-bażi għaċ-ċittadinanza attiva. Edukazzjoni tajba tkattar ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-kompetittività. Madankollu, biex is-soċjetajiet jiksbu dawn il-benefiċċji, l-edukazzjoni ta' kwalità għolja jeħtieġ li ssir realtà għal kulħadd.

L-iskejjel għandhom rwol fundamentali fit-tagħlim tul il-ħajja, u għalhekk hemm bżonn ta' azzjoni biex jiġu mtejba l-kwalità u l-prestazzjoni tal-edukazzjoni skolastika[6]. Is-sitwazzjoni attwali fl-Ewropa turi li ma hemm l-ebda lok għal kompjaċenza. Fl-Unjoni Ewropea, hemm diversità rikka ta' skejjel u ta' sistemi edukattivi. Fl-istess ħin, kważi l-Istati Membri kollha qed jaffaċċjaw bosta sfidi importanti:

- **Jeżistu nuqqasijiet fl-iżvilupp tal-kompetenzi fil-livell tal-edukazzjoni skolastika**. L-aħħar riżultati tal-istħarriġ PISA tal-OECD juru li wieħed minn kull ħames studenti għandu diffikultajiet serji fl-iżvilupp ta' ħiliet suffiċjenti fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza. B'riżultat ta' dan, dawn iż-żgħażagħ huma aktar probabbli li jaffaċċjaw ostakli importanti tul ħajjithom għall-inklużjoni soċjali u biex isibu impjieg. Fl-istess ħin, is-sehem ta' studenti li jġibu riżultati tajbin ħafna fl-Ewropa huwa relattivament baxx: anki l-Istati Membri tal-UE bl-aqwa prestazzjoni huma megħluba minn pajjiżi Asjatiċi avvanzati[7]. Ħafna żgħażagħ għandhom nuqqas ta' ħiliet diġitali xierqa[8]. Kwistjoni oħra hija n-nuqqas ta' kwalifiki formali; minkejja l-fatt li ħafna Stati Membri għamlu

[1] COM(2016) 940, 941
[2] COM(2016) 381.
[3] COM(2017) 250.
[4] Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-15 ta' Diċembru 2016.
[5] http://www.un.org/sustainabledevelopment/education/
[6] L-isfidi stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni japplikaw għall-edukazzjoni ġenerali kif ukoll għall-edukazzjoni vokazzjonali bbażata fl-iskejjel.
[7] Il-Kummissjoni Ewropea (2016), *PISA 2015: EU performance and initial conclusions regarding education policies in Europe*. Bejn l-2012 u l-2015, is-sehem ta' studenti li kisbu marki baxxi fix-xjenza żdied minn 16.6 % għal 20.6 % u fil-qari minn 17.8 % għal 19.7 %; fil-matematika s-sehem baqa' staġnat għal madwar 22 %. Is-sehem ta' studenti bl-ogħla marki fix-xjenza huwa ta' 24 % f'Singapore u ta' 15 % fil-Ġappun. Ebda Stat Membru tal-UE ma jilħaq din il-prestazzjoni.
[8] Il-Kummissjoni Ewropea (2015) *Being young in Europe today - digital world*

progress tajjeb biex jitnaqqas is-sehem ta’ studenti li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien għall-mira ewlenija tal-Ewropa 2020 ta’ 10 %, xorta għad hemm wisq żgħażagħ li jitilqu mill-iskola b’mod prematur.

- **L-edukazzjoni skolastika mhux dejjem twettaq bis-sħiħ ir-rwol tagħha biex tippromwovi l-ġustizzja soċjali**. Id-dejta ta’ PISA[9] turi li d-distakk bejn is-sessi fil-matematika u fix-xjenza qed jonqos, madankollu l-isterjotipi tas-sessi għadhom qed iwasslu għal differenzi fl-involviment fix-xjenza u fl-ICT u jeħtieġu aktar attenzjoni. Barra minn hekk, id-dejta turi li l-kisbiet edukattivi fil-biċċa l-kbira jkunu jiddependu mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudent. Bħala medja, iktar minn terz taż-żgħażagħ minn sfondi żvantaġġati fl-UE juru livelli baxxi ta’ riżultati edukattivi. Dan huwa erba’ darbiet aktar mill-pari tagħhom li ġejjin minn sfondi aktar vantaġġati u huwa amplifikat minn sfidi speċifiċi oħra għall-istudenti li ġejjin minn sfond ta' migrazzjoni u Rom. Dawn id-distakki jżidu mal-inugwaljanza soċjali[10] minflok ma jrażżnuha. L-aċċess għal edukazzjoni u għal taħriġ ta’ kwalità għolja huwa fundamentali għal soċjetà aktar reżiljenti u ugwali. L-eżempji tal-Estonja u tal-Finlandja juru li s-sistemi edukattivi skolastiċi jistgħu jipprovdu livelli għoljin ta’ kisbiet kif ukoll ta’ ekwità fl-istess ħin.
- **Ir-ritmu tal-bidla teknoloġika u diġitali qed iħalli effett profond fuq l-ekonomiji u fuq is-soċjetajiet tagħna - l-iskejjel jeħtieġ li jirrispondu aħjar għal din ir-realtà**. Ħafna mit-tfal tal-iskola tal-lum aktar 'il quddiem se jaħdmu f'tipi ta’ xogħlijiet li llum il-ġurnata għadhom ma jeżistux. 90 % mill-impjiegi tal-lum jeħtieġu minn tal-inqas ċertu livell ta’ ħiliet diġitali[11]. M’għadux biżżejjed li ż-żgħażagħ tagħna nagħtuhom sett fiss ta’ ħiliet jew ta’ għarfien; dawn iridu jiżviluppaw ir-reżiljenza u l-ħila biex jadattaw għall-bidla. Id-“Dokument ta’ Riflessjoni dwar l-Isfruttar tal-Globalizzazzjoni” jirrikonoxxi wkoll li hemm bżonn ta’ modi ġodda ta’ tagħlim għal soċjetà li qed issir dejjem aktar mobbli u diġitali. Kif inhu enfasizzat fid-“Dokument ta’ Riflessjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa”, is-sistemi edukattivi jeħtieġ li jiġu mmodernizzati biex jippromwovu l-kreattività u l-ħsieb kritiku, kif ukoll mentalità intraprenditorjali[12].

L-indirizzar ta’ dawn l-isfidi jeħtieġ riformi. Dan huwa kompitu tal-Istati Membri, peress li huma responsabbli mit-tfassil tas-sistemi edukattivi u s-soluzzjonijiet ivarjaw skont l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. F’konformità mas-sussidjarjetà, l-UE tista’ taqdi rwol siewi fl-appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi ta’ riforma tagħhom. Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE tappoġġja lill-Istati Membri b’analiżi tad-dejta, kondiviżjoni tal-evidenza, bl-identifikazzjoni ta’ prattiki tajba, u billi toffri opportunitajiet għall-iskambju ta’ esperjenzi u għat-tagħlim reċiproku. Din it-tip ta’ kooperazzjoni volontarja toffri valur miżjud lill-Istati Membri fit-teħid ta' deċiżjonijiet informati.

Hemm tliet oqsma li fihom hija meħtieġa azzjoni u li fihom l-appoġġ fil-livell Ewropew jista’ jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi msemmija hawn fuq:

1. **L-iżvilupp ta’ skejjel aħjar u aktar inklużivi;**
2. **L-appoġġ lill-għalliema u lill-mexxejja tal-iskejjel għal tagħlim eċċellenti; u,**

[9] L-istħarriġ tal-2015 tal-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA).
[10] Il-Kummissjoni Ewropea (2016), *Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2016*.
[11] Ir-Rapport tal-Progress Diġitali Ewropew (EDPR) 2017, SWD (2017) 160.
[12] COM(2017) 240, COM(2017) 206.

3. **Il-governanza tas-sistemi edukattivi fl-iskejjel: it-tisħiħ tal-effikaċja, tal-ekwi u tal-effiċjenti.**

Għal kull qasam, din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi azzjoni tal-UE biex tassisti lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Is-Semestru Ewropew huwa mutur ewlieni għar-riformi, jiġifieri permezz tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-edukazzjoni. L-UE tista' tgħin lil dawk l-Istati Membri li għandhom bżonn l-appoġġ fl-isforzi ta' riforma tagħhom. Barra minn hekk, l-UE toffri appoġġ finanzjarju u tekniku lill-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' Erasmus+, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, u s-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali.

Id-diversità hija karatteristika tas-sistemi edukattivi skolastiċi Ewropej, u ma hemm l-ebda soluzzjoni universali. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom interess komuni fit-titjib tar-riżultati edukattivi. Biex din l-idea ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd issir realtà, jenħtieġ li jiġu sfruttati bis-sħiħ l-għodod kollha disponibbli fil-livelli nazzjonali u tal-UE. Il-Kummissjoni tinsab lesta li taħdem mill-qrib mal-Istati Membri.

2. L-iżvilupp ta' skejjel aħjar u aktar inklużivi

Biex tikkomplimenta l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri, il-Kummissjoni se:

- Iżżid il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel billi tagħmel **is-sħubijiet bejn l-iskejjel u l-mobilità tal-istudenti permezz ta' Erasmus+** aktar aċċessibbli u tarrikkixxi t-tagħlim diġitali u interkulturali billi tippromwovi l-parteċipazzjoni f'**eTwinning**;
- Tiżviluppa **għodda ta' awtovalutazzjoni dwar il-kapaċità diġitali** biex l-iskejjel fl-UE jkunu jistgħu, fuq bażi volontarja, jagħmlu awtovalutazzjoni ta' fejn jinsabu fir-rigward tal-kriterji komuni u jiġu appoġġjati fl-iżvilupp u fit-titjib tal-użu effettiv tagħhom tat-teknoloġiji għat-tagħlim fl-era diġitali[13]. Billi jużaw din l-għodda, l-iskejjel jistgħu jagħżlu li jirrapportaw dwar il-progress tagħhom **fid-disponibilità, fl-użu, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni, billi jibnu bażi tad-dejta** għall-Istati Membri parteċipanti kollha.
- Tappoġġja t-titjib fl-edukazzjoni fil-livell tal-iskejjel **fix-xjenza, fit-teknoloġiji, fl-inġinerija u fil-matematika** (STEM) billi tippromwovi l-aħjar prattika fl-iżvilupp ta' rabtiet u ta' kooperazzjoni tal-edukazzjoni għolja, tar-riċerka u tan-negozji mal-iskejjel fil-livell tal-UE u tindirizza b'mod effettiv id-distakk u l-isterjotipi bejn is-sessi fi STEM, permezz ta' Erasmus+.
- Tippromwovi u tappoġġja l-esperimentazzjoni tal-politika dwar l-iżvilupp ta' **pedagoġiji multilingwi** u ta' **tagħlim fi klassijiet diversifikati** bħala parti mill-programm ta' ħidma tal-2018 ta' Erasmus+.
- Tagħti segwitu għall-osservazzjonijiet tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità billi tappoġġja l-kooperazzjoni bejn l-**Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva** u l-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-edukazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.
- Tkompli tappoġġja lill-Istati Membri sabiex jipprovdu **edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja** suffiċjenti u żżid l-isforzi biex tgħinuhom sabiex jitgħallmu minn xulxin u jidentifikaw x'jaħdem l-aħjar.

[13] https://ec.europa.eu/jrc/en/digcomporg/selfie-tool

2.1 L-appoġġ lill-istudenti kollha u l-iżvilupp tal-kompetenzi tagħhom

Iż-żgħażagħ kollha jeħtieġ li jkollhom l-opportunità li jiżviluppaw il-firxa sħiħa ta' kompetenzi ewlenin. Dawn jinkludu l-litteriżmu, l-lingwi barranin, il-matematika, ix-xjenza, il-ħiliet diġitali u l-ikkowdjar u l-kompetenzi ċiviċi u soċjali, iżda anki l-kompetenzi relatati mal-intraprenditorija u ħiliet trasversali bħall-kreattività u l-ħsieb kritiku. Minkejja l-importanza tagħhom, mhux iż-żgħażagħ kollha jiżviluppaw bis-sħiħ dawn il-kompetenzi. Il-Qafas Ewropew dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja tal-2006 [14] jappoġġja l-kisba ta' dawn il-kompetenzi. Ir-reviżjoni tiegħu, imħabbra fl-"Aġenda Ġdida għall-Ħiliet", se tgħin biex ikompli jissaħħaħ l-iżvilupp tal-kompetenzi fl-edukazzjoni u fit-taħriġ. Għall-iskejjel, dan jeħtieġ ukoll bidla fil-mod kif isir it-tagħlim.

Ir-rabta tat-tagħlim mal-esperjenza tal-ħajja reali trendi riżultati aħjar. It-tagħlim ibbażat fuq proġetti u fuq problemi, l-esperjenzi fuq il-post tax-xogħol jew it-tagħlim f'servizz fil-komunità jżidu l-motivazzjoni taż-żgħażagħ, ipoġġu l-kontenut ta' suġġett f'kuntest, u joffru opportunitajiet għall-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali, ċiviċi u intraprenditorjali[15]. L-edukazzjoni fix-xjenza, fit-teknoloġiji, fl-inġinerija u fil-matematika (STEM) hija aktar effettiva meta tkun marbuta ma' sfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali jew mal-arti u d-disinn, li juru r-rilevanza tagħha għall-ħajja ta' kuljum[16].

It-teknoloġiji diġitali jistgħu jsaħħu t-tagħlim u jappoġġjaw l-innovazzjoni fl-iskejjel. Użati kif xieraq, it-teknoloġiji diġitali jistgħu jsaħħu l-esperjenzi ta' tagħlim u jappoġġjaw l-iżvilupp lil hinn mill-kompetenza diġitali. Minkejja dan, kwart biss mit-tfal tal-iskola Ewropej huma mgħallma minn għalliema li jħossuhom kunfidenti fil-ħiliet diġitali[17]. It-teknoloġiji diġitali jistgħu jappoġġjaw il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni fl-iskejjel u bejniethom u jsaħħu l-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-familji tagħhom fil-ħajja skolastika.

L-iskejjel iridu jappoġġjaw lill-istudenti kollha u jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. L-iskejjel li joqogħdu attenti għall-ħtiġijiet varji ta' studenti differenti jiksbu riżultati aħjar. Din għandha wkoll dimensjoni tas-sessi. L-iskejjel li jħaddnu d-diversità lingwistika u kulturali fil-popolazzjoni skolastika tagħhom u li jappoġġjaw l-integrazzjoni għandhom effett pożittiv fuq il-ħila ta' tagħlim tat-tfal kollha[18]. Madankollu, din mhix dejjem il-prattika attwali. Uħud mill-Istati Membri jaffaċċjaw diffikultajiet meta jiġu biex jipprovdu lill-istudenti b'diżabilità b'aċċess għall-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità[19]. F'ċerti bliet u reġjuni, sehem sinifikanti mill-istudenti fl-iskejjel ma jitkellmux bil-lingwa tat-tagħlim id-dar. Speċjalment it-tfal migranti li jkunu għadhom kif waslu jeħtieġu programmi lingwistiċi

[14] 2006/962/KE

[15] Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice (2016) *Entrepreneurship Education at School.* Ara wkoll il-qafas għall-kompetenza intraprenditorjali: https://ec.europa.eu/jrc/en/entrecomp

[16] Il-Kummissjoni Ewropea (2015) *Science Education for Responsible Citizenship*

[17] Il-Kummissjoni Ewropea (2013) *Survey of Schools: ICT in Education Benchmarking Access, Use and Attitudes to Technology in Europe's schools*

[18] Il-Kummissjoni Ewropea (2015) *Language teaching and learning in multilingual classrooms*. Il-Kummissjoni tipprevedi l-appoġġ fil-programm ta' ħidma 2018-2020 ta' Orizzont 2020 biex jiġu riċerkati proġetti dwar l-inklużjoni ta' tfal migranti fis-sistemi edukattivi tal-UE (l-adozzjoni prevista f'Ottubru 2017).

[19] In-Nazzjonijiet Uniti, Il-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (2015): *Concluding observations on the initial report of the European Union* , CRPD/C/EU/CO/1 tat-2 ta' Ottubru 2015.

apposta biex jintegraw aħjar fl-iskola. [20] F'għadd ta' pajjiżi, Rom u minoranzi etniċi oħra għandhom nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità għolja.

2.2. It-tisħiħ tat-tagħlim bil-ftuħ ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni

Il-kooperazzjoni tgħin lill-iskejjel jarrikkixxu l-esperjenzi u l-eżiti tat-tagħlim u jappoġġjaw aħjar liż-żgħażagħ fl-iżvilupp tal-kompetenzi li jeħtieġu. Din tinkludi l-kooperazzjoni ma' servizzi lokali, organizzazzjonijiet fil-komunità, negozji u universitajiet, iżda anki l-kooperazzjoni fi ħdan l-iskejjel. Iż-żgħażagħ f'riskju li jitilqu mill-edukazzjoni jibbenefikaw mill-kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi soċjali jew mal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ. L-interazzjoni bikrija ma' gwidi tal-karriera, imprendituri u akkademiċi tgħin liż-żgħażagħ sabiex iħejju għall-impjieg futur u jkomplu l-istudji[21]. F'oqsma tas-suġġetti bħax-xjenza jew l-isport, l-istudenti jibbenefikaw meta dawk li jipprovdu l-edukazzjoni, in-negozji u s-soċjetà ċivili jikkollaboraw mal-iskejjel tagħhom[22]. Madankollu, mhux l-iskejjel kollha għandhom biżżejjed appoġġ estern jew jappoġġjaw il-kooperazzjoni neċessarja fost l-għalliema tagħhom stess, il-persunal l-ieħor, l-istudenti u l-ġenituri[23].

Il-bullying, il-bullying fuq l-internet, u l-vjolenza għandhom impatt negattiv fuq is-suċċess tat-tfal fl-iskola.[24] Il-benesseri fiżiku u mentali huwa prekundizzjoni għas-suċċess fit-tagħlim. L-evidenza turi li l-istrateġiji li jinvolvu lill-għalliema u lill-ġenituri huma l-aktar effettivi fl-indirizzar tal-forom kollha ta' bullying.[25] Biex jitrażżnu kemm il-bullying kif ukoll il-vjolenza, it-tfal jeħtieġ li jitgħallmu dwar it-tolleranza u d-diversità. L-istess japplika għas-sikurezza online u għall-użu responsabbli tal-midja soċjali.

L-applikazzjoni ta' approċċ għall-iskola kollha jtejjeb l-eżiti tat-tagħlim, l-inklużività u l-ekwità[26]. B'dan l-approċċ, l-iskola kollha flimkien mal-partijiet ikkonċernati esterni u mal-komunità lokali jkunu involuti biex itejbu l-kwalità tal-iskola. Il-pjattaformi online "European Toolkit for Schools" u "School Education Gateway" jappoġġjaw dan l-approċċ, u huma disponibbli fuq bażi volontarja għall-iskejjel Ewropej kollha, billi jappoġġjaw l-iskambju bejn il-pari u jgħinu jtejbu l-metodi ta' organizzazzjoni, il-prattiki ta' tagħlim u l-esperjenzi ta' tagħlim[27]. Il-programm Erasmus+ jappoġġja s-sħubijiet bejn l-iskejjel Ewropej, u jgħin lill-iskejjel sabiex jestendu l-konnessjonijiet u jkunu jistgħu jiskambjaw l-istudenti b'mod transfruntier. [28]

---

[20] Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet għadd ta' miżuri ta' appoġġ fl-edukazzjoni u fit-taħriġ ta' tfal migranti. COM(2016) 377 final.

[21] INCLUDE-ED http://creaub.info/included; Netwerk Ewropew għall-Politika dwar l-Iggwidar Tul il-Ħajja, www.elgpn.eu

[22] Il-Kummissjoni Ewropea (2015): *Science Education for Responsible Citizenship*

[23] RESL.eu – *Reducing early school leaving in Europe*, www.uantwerpen.be/en/projects/resl-eu/

[24] OECD (2017), *PISA 2015 (Volum III)*

[25] Ttofi, M.M., Farrington, D.P. (2011): *Effectiveness of school-based programs to reduce bullying: a systematic and meta-analytic review, Journal of Experimental Criminology*, Vol. 7, N. 1, 27-56.

[26] Il-Kummissjoni Ewropea (2015): Approċċ skolastiku sħiħ għall-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola

[27] http://www.schooleducationgateway.eu/mt/pub/resources/toolkitsforschools.htm

[28] Għaċ-ċelebrazzjoni tat-30 anniversarju tal-Programm Erasmus, l-azzjoni "Move2Learn, Learn2Move" fl-2017 se toffri liż-żgħażagħ li huma attivi fi proġetti ta' eTwinning l-opportunità li jivvjaġġaw u jiltaqgħu ma' żgħażagħ oħra bħala parti mill-esperjenza ta' tagħlim tagħhom. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-inizjattiva tal-2017 u tista', mingħajr ebda effett ta' detriment fuq il-baġit ta' Erasmus+ u bl-użu tar-riżultati minn din il-valutazzjoni, tqis inizjattiva simili fil-ġejjieni.

eTwinning[29] *hija l-akbar komunità għall-iskejjel fl-Ewropa. Diġà ħadu sehem aktar minn 460 000 għalliem u 4 minn kull 10 skejjel fl-Ewropa. Billi toffri ambjent online sikur għall-proġetti tal-edukazzjoni transfruntiera, eTwinning tipprovdi lill-iskejjel b'għodod faċilment aċċessibbli biex issaħħaħ l-offerta ta' tagħlim diġitali tagħhom u tappoġġja l-kuntatti interkulturali u transfruntiera bejn l-għalliema u l-istudenti. L-integrazzjoni tal-użu tagħha fl-iskejjel kollha fl-Ewropa tista' tgħin sabiex jissaħħu l-kompetenzi diġitali u jinfetħu l-klassijiet.*

2.3 It-titjib tal-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kwalità tagħhom

L-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja huma l-pedament ta' sistema edukattiva effettiva u ekwa. Dawn iħejju lit-tfal għall-edukazzjoni primarja, isaħħu l-prestazzjoni akkademika fil-livelli futuri kollha, u għandhom impatt partikolarment pożittiv fuq it-tfal li jkunu ġejjin minn sfondi żvantaġġati u ta' migrazzjoni. Il-programm PISA juri li l-istudenti ta' 15-il sena li ma attendewx l-edukazzjoni preprimarja huma tliet darbiet aktar f'riskju li jġibu marki baxxi minn dawk li attendew għal aktar minn sena[30]. L-investiment fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal inaqqas il-bżonn ta' livelli ogħla ta' nfiq fi stadji aktar tard tal-edukazzjoni, meta l-ispejjeż għat-tneħħija tad-distakki bejn l-istudenti b'marki għoljin u baxxi jkunu aktar għoljin[31].

Il-provvista u l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja huma ta' sfida. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal żdiedet,[32] iżda għadha problematika għal tfal li għandhom inqas minn tliet snin u speċjalment għal tfal żvantaġġati. Il-parteċipazzjoni, l-affordabilità u l-kwalità mhumiex distribwiti indaqs fi ħdan u bejn il-pajjiżi. F'25 Stat Membru, id-domanda għall-indukrar tat-tfal taqbeż il-provvista; id-defiċits fil-kwalità spiss huma marbuta mal-kwalifikazzjoni inadegwata tal-persunal u mal-opportunitajiet limitati għall-iżvilupp professjonali[33]. L-esperti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea identifikaw b'mod konġunt prinċipji tal-kwalità u ħames oqsma ewlenin għal azzjoni: l-aċċess, il-forza tax-xogħol, il-kurrikulu, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, il-governanza u l-finanzjament[34].

L-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-riżultati edukattivi tat-tfal żgħar, u tagħti lit-tfal kollha, inklużi dawk li ġejjin minn sfondi vulnerabbli, spinta biex jirnexxu fl-iskola.

3. L-appoġġ lill-għalliema u lill-mexxejja tal-iskejjel għal tagħlim eċċellenti

Biex tikkomplimenta l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri, il-Kummissjoni se:

- Toffri **gwida dwar il-politika fuq il-karrieri u fuq l-iżvilupp professjonali tal-għalliema u tal-mexxejja tal-iskejjel** billi ssaħħaħ it-tagħlim bejn il-pari skont

[29] www.etwinning.net
[30] OECD (2016), *Low-performing students: why they fall behind and how to help them succeed.*
[31] Cunha, F. et al. (2006), Interpreting the Evidence on Life Cycle Skill Formation, fil-*Handbook of the Economics of Education, Vol. 1* (*Il-Manwal tal-Ekonomija tal-Edukazzjoni, Vol. 1*), Amsterdam, North-Holland.
[32] Fi ħdan Edukazzjoni u Taħriġ 2020, il-Kunsill stabbilixxa valur referenzjarju tal-UE li tal-inqas jeħtieġ li 95 % tat-tfal minn 4 snin sal-età obbligatorja għall-iskola jieħdu sehem fl-ECEC. Fl-2014, ir-rata ta' parteċipazzjoni madwar l-UE kienet ta' 94.3 %.
[33] Eurydice (2014) *Policy Brief Early Childhood Education and Care*
[34] Il-Kummissjoni Ewropea (2014), *Proposal for key principles of a Quality Framework for Early Childhood Education and Care.* Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal.

Edukazzjoni u Taħriġ 2020 permezz ta’ sensiela ta’ seminars bejn esperti u billi torbot dan mad-djalogu soċjali settorjali Ewropew fl-edukazzjoni;

- **Tissimplifika l-aċċess u tippromwovi opportunitajiet għall-għalliema futuri biex jiksbu esperjenza prattika ta’ tagħlim barra mill-pajjiż** bl-appoġġ ta’ Erasmus+;
- Tiżviluppa **komunitajiet u riżorsi online** għall-professjonsiti li jaħdmu fl-iskejjel, inklużi opportunitajiet ġodda ta’ eTwinning għall-għalliema studenti, netwerks online għall-għalliema fil-bidu tal-karriera u għall-mentors, korsijiet online (inklużi MOOCs), skambju tal-aħjar prattika fost dawk li jipprovdu Edukazzjoni Inizjali tal-Għalliema u Qafas tal-Kompetenzi Diġitali għall-appoġġ għall-awtovalutazzjoni u għall-iżvilupp tal-għalliema;
- Tkompli tiżviluppa sinerġiji **mal-OECD biex tipproduċi dejta komparattiva konġunta dwar il-persunal tal-iskejjel**, inkluż permezz ta’ ġbir aktar effiċjenti u konġunt tad-dejta minn Eurydice[35] u l-OECD dwar għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel.

3.1. Biex il-karrieri fit-tagħlim isiru aktar attraenti

Għalliema ta’ kwalità għolja, motivati u ta’ valur huma fil-qalba ta’ edukazzjoni eċċellenti. Iżda t-tnaqqis fil-prestiġju tal-professjoni u n-nuqqas ta’ persunal huma ta' sfidi f’ħafna Stati Membri, li qegħdin iżommu lura l-kwalità tal-edukazzjoni skolastika[36]. Ħafna Stati Membri għandhom l-għan li jattiraw firxa usa’ ta’ kandidati xierqa għall-karrieri fit-tagħlim, u li jimmotivawhom u jappoġġjawhom biex jeċċellaw f’din il-professjoni impenjattiva.

It-titjib tas-selezzjoni u tar-reklutaġġ jista’ jgħin biex jiġu identifikati dawk li huma l-aktar adattati għat-tagħlim u tinġieb firxa usa’ ta’ esperjenzi fil-professjoni. Ċerti pajjiżi qed jevalwaw l-applikanti fuq firxa usa’ ta’ ħiliet u ta’ attitudnijiet minbarra l-merti akkademiċi tagħhom[37]. Meta jkun rilevanti għall-Istati Membri, dan jista’ jimxi id f’id mal-isforzi biex jiġi indirizzat l-iżbilanċ sinifikati bejn is-sessi fit-tagħlim u biex jiġu attirati għalliema ġodda minn professjonijiet oħra u minn gruppi sottorappreżentati.

Il-paga, l-istatus kuntrattwali u l-prospetti ċari tal-karriera huma importanti għall-attraenza tal-professjoni. F’ċerti Stati Membri, ix-xogħol tal-għalliem imur minn taħt meta mqabbel ma’ professjonijiet oħra fil-kompetizzjoni għall-aħjar. L-għalliema spiss jaqilgħu ferm inqas mill-medja tal-ħaddiema b’edukazzjoni terzjarja: is-salarji jvarjaw minn 74 % fl-edukazzjoni preprimarja sa 92 % fil-livell sekondarju għoli[38]. Il-pajjiżi b’livelli ta’ salarji baxxi ħafna jew b’sigurtà tal-impjieg batuta jbatu biex jattiraw għalliema ġodda u jimlew pożizzjonijiet vakanti bl-aktar kandidati kkwalifikati. L-għalliema huma mħassba wkoll dwar il-kwalità tal-preparazzjoni u tal-induzzjoni tagħhom u dwar l-opportunitajiet għall-karriera aħjar[39]. Il-livelli tal-kompetenza u strutturi tal-karriera ddefiniti b'mod ċar isaħħu l-apprezzament tal-għalliema għall-prospetti tal-karriera.

[35] http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/index_en.php

[36] Il-Kummissjoni Ewropea (2013), *Study on Policy Measures to improve the Attractiveness of the Teaching Profession in Europe*

[37] Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice (2013), *Key Data on Teachers and School Leaders*

[38] OECD (2016), *Education at a Glance 2016: OECD indicators.* Dejta għal 22 Stat Membru tal-UE.

[39] Il-Kummissjoni Ewropea (2013), ibid

3.2. Ix-xogħol tal-għalliem: professjonisti li jibqgħu studenti għall-karriera kollha tagħhom u li jaħdmu flimkien

Il-kwalità tal-edukazzjoni tal-għalliema teħtieġ aktar attenzjoni. L-Edukazzjoni Inizjali tal-Għalliema hija aktar effettiva meta t-teorija pedagoġika tingħaqad kemm mal-għarfien dwar is-suġġett kif ukoll mal-prattika suffiċjenti fil-klassijiet[40]. L-għalliema studenti jeħtieġ li jkunu ppreparati għal xogħol kollaborattiv u għal żvilupp professjonali tul il-karriera kollha tagħhom, biex jittrattaw mad-diversità fil-klassijiet u biex jużaw it-teknoloġiji diġitali b'kunfidenza. F'għadd ta' Stati Membri, il-parteċipazzjoni fl-Iżvilupp Professjonali Kontinwu (CPD) hija baxxa jew ftit li xejn iffokata. Is-CPD irid ikun aċċessibbli, affordabbli u rilevanti. L-involviment tal-iskejjel u tal-għalliema fl-identifikazzjoni tat-temi u tal-oqsma batuti jista' jgħin biex titjieb il-kwalità tagħhom[41].

L-għalliema jeħtieġu appoġġ speċjali matul l-istadji bikrija tal-karriera tagħhom. Meta jidħlu fil-professjoni, ħafna għalliema jsibu l-ambjenti reali tal-iskejjel diffiċli u wħud minnhom jitilqu mill-professjoni. Bħalissa, 6 minn kull 10 għalliema ġodda biss jirċievu induzzjoni ġenwina għall-prattika fl-iskejjel[42] u skemi ta' induzzjoni li jgħaqqdu l-appoġġ professjonali, soċjali u personali, inkluż il-mentoraġġ, u l-għajnuna lill-għalliema l-ġodda biex jiżviluppaw il-kompetenzi u r-reżiljenza. Dan isaħħaħ il-kwalità tat-tagħlim u jnaqqas l-ispejjeż għoljin marbuta mal-ħruġ mill-professjoni[43].

Il-kollaborazzjoni bejn l-għalliema bi prestazzjoni tajba ħafna. It-tagħlim f'tim, l-osservazzjoni ta' għalliema oħra, u l-komunitajiet usa' tat-tagħlim professjonali qed jintużaw dejjem aktar bħala forom b'saħħithom ta' kollaborazzjoni bejn il-pari, iżda dawn għadhom mhumiex in-norma madwar l-Ewropa[44]. Biex itejbu l-esperjenza tat-tagħlim tal-istudenti, l-għalliema jridu jkunu kapaċi u jridu jkunu lesti li jaħdmu u jitgħallmu f'timijiet – ma' għalliema oħra, f'timijiet multiprofessjonali fl-iskola u ma' sħab esterni.

L-ambjenti kollaborattivi u t-teknoloġiji diġtali jistgħu jsaħħu t-tagħlim fost l-għalliema. Is-sessjonijiet ta' ħidma u l-korsijiet ta' taħriġ tradizzjonali lil hinn mill-iskola għadhom prevalenti. L-innovazzjonijiet edukattivi bħal netwerks kollaborattivi bejn il-pari, korsijiet onlajn miftuħa massivi (MOOCs), u l-kondiviżjoni ta' riżorsi edukattivi miftuħa jistgħu jikkumplimentaw dawn il-metodi u jgħinu biex jingħelbu l-ostakli għall-parteċipazzjoni[45].

Permezz ta' ***Erasmus+****, l-UE tappoġġja l-iżvilupp professjonali tal-persunal tal-iskejjel. L-għotjiet huma disponibbli għall-għalliema studenti, għall-għalliema u għall-mexxejja tal-iskejjel li jixtiequ jieħdu sehem f'korsijiet ta' taħriġ, f'kollokamenti fi skejjel jew f'attivitajiet ta' osservazzjoni tax-xogħol f'pajjiż ieħor. Permezz ta'* ***eTwinning****, l-UE tħeġġeġ il-kollaborazzjoni volontarja u t-tagħlim bejn il-pari fost l-għalliema f'korsijiet online u f'avvenimenti ta' taħriġ konġunt.*

[40] OECD (2014), TALIS 2013 *Results: An International Perspective on Teaching and Learning*.
[41] *The Teaching Profession in Europe* (2015)
[42] Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice (2015), *The Teaching Profession in Europe: Practices, Perceptions, and Policies*.
[43] Il-Kummissjoni Ewropea (2010), *Developing coherent and system-wide induction programmes for beginning teachers: a handbook for policymakers* SEC (2010) 538 final.
[44] OECD (2014) ibid.
[45] Ibid.

3.3. L-appoġġ fit-tmexxija tal-iskejjel

It-tmexxija effettiva tal-iskejjel tħalli impatt pożittiv fuq il-kisbiet tal-istudenti, fuq il-kwalità tat-tagħlim u fuq il-motivazzjoni tal-persunal. Ir-riċerka turi li tmexxija bbażata fuq viżjoni kondiviża mill-persunal, mill-ġenituri u mill-komunità lokali hija kruċjali għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni fl-iskejjel[46]. Madankollu, f'ċerti Stati Membri, il-karigi ta' tmexxija tal-iskejjel mhumiex meqjusa bħala attraenti[47]. It-tmexxija ta' skola normalment iġġib magħha taħlita impenjattiva ta' kompiti marbuta mal-ġestjoni kif ukoll mat-tagħlim. Il-mexxejja tal-iskejjel spiss ma jirċivux il-preparazzjoni jew l-appoġġ kontinwu li jeħtieġu għal dawn il-kompiti differenti.

Iż-żieda fl-awtonomija tal-iskejjel wasslet għal aktar responsabbiltà għall-mexxejja tal-iskejjel f'ħafna pajjiżi. Din tippermetti lill-mexxejja tal-iskejjel jorganizzaw mill-ġdid il-ħin u l-approċċi fil-klassijiet tagħhom, jistimulaw l-iżvilupp tal-iskejjel u jikkondividu r-responsabbiltajiet fost grupp usa' ta' membri tal-persunal. Madankollu, dawn il-bidliet jeħtieġu riżorsi u appoġġ xierqa[48]. Ir-reklutaġġ, it-tħejjija u l-iżvilupp professjonali tal-mexxejja tal-iskejjel huma fatturi kruċjali biex titjieb il-prestazzjoni tal-iskejjel.

4. Il-governanza tas-sistemi edukattivi fl-iskejjel: aktar effikaċi, ekwa u effiċjenti

Biex tikkomplimenta l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri, il-Kummissjoni se:

- Tibni fuq il-kooperazzjoni eżistenti, inkluż fuq l-istrateġiji tal-ħiliet u r-riżorsi tal-iskejjel, tistabbilixxi arranġament ta' appoġġ tekniku **xprunat mid-domanda f'kooperazzjoni mal-OECD** biex tgħin lill-Istati Membri li jfittxu l-assistenza volontarja, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi kbar fl-edukazzjoni skolastika. Is-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali, u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE (bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u Erasmus+) jistgħu jipprovdu appoġġ;
- Tipproponi **rapport konġunt dwar l-effikaċja u l-effiċjenza tan-nefqa fl-edukazzjoni skolastika**, li jinvolvi lill-kumitati tal-Kunsill u lis-servizzi tal-Kummissjoni xierqa. Dan se jibni fuq il-ħidma li għaddejja mal-OECD u jista' jwassal għall-iżvilupp ta' gwida politika fuq l-investiment fl-edukazzjoni skolastika fi sħubija mal-Istati Membri tal-UE u mal-partijiet ikkonċernati;
- Tiżviluppa gwida mmirata dwar il-politika fuq l-**assigurazzjoni tal-kwalità** permezz ta' konsulenza bejn il-pari[49] u permezz tat-tagħlim bejn il-pari flimkien mal-Istati Membri tal-UE u mal-partijiet ikkonċernati.

4.1. Ir-riżorsi tal-iskejjel: investimenti adegwati u effiċjenti

Filwaqt li l-Ewropa tgawdi minn diversità rikka ta' sistemi edukattivi, ta' kulturi u ta' ċirkustanzi, hemm sfidi simili għall-governanza u għall-finanzjament. Dawn jinkludu d-definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet għall-finanzjament u l-adattament tan-netwerk

[46] OECD (2016), *School Leadership for Learning*.
[47] SWD(2012)0374.
[48] VO-raad/EFEE/ETUCE (2015), *Professional Autonomy, Accountability and Efficient Leadership and the role of employers' organisations, trade unions and school leaders*.
[49] Il-konsulenza bejn il-pari tiġbor flimkien lil pari professjonali minn amministrazzjonijiet nazzjonali biex jipprovdu pariri esterni lil pajjiż li jitlob appoġġ għal riforma fl-edukazzjoni.

skolastiku mat-tibdil demografiku[50]. L-Istati Membri tal-UE jallokaw għadd sinifikanti ta' riżorsi - fuq medja aktar minn 3 % tal-PDG - għall-edukazzjoni skolastika[51]. L-użu tajjeb ta' dawn ir-riżorsi huwa importanti għall-effiċjenza tan-nefqa pubblika sħiħa ta' pajjiż.

Huwa ta' importanza kbira li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi limitati biex tissaħħaħ il-prestazzjoni tal-istudenti kollha. L-istħarriġ ta' PISA juri li ma jistgħux jinkisbu riżultati edukattivi effettivi taħt livell minimu ta' finanzjament. Ċerti Stati Membri mhumiex qed jinvestu biżżejjed biex jiksbu riżultati tajbin fit-tul[52]. Madankollu, f'livell komparabbli ta' nfiq, ċerti Stati Membri jiksbu riżultati aħjar minn oħrajn. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-oqsma ta' politika tal-edukazzjoni u tal-ekonomija jista' jtejjeb il-bażi ta' evidenza u jiġġenera kunsens dwar "x'jaħdem" fl-investiment fl-edukazzjoni. L-isfidi jinkludu investimenti fl-infrastruttura, inkluż fl-infrastruttura diġitali u fil-konnettività, kif ukoll fil-kapital uman[53]. Appoġġ għall-politika mfassal apposta għar-riformi fl-edukazzjoni tal-Istati Membri jista' jgħin biex titjieb il-governanza tas-sistemi tal-iskejjel u jiżdiedu l-effikaċja u l-ekwità.

4.2. Il-kombinament tal-awtonomija u tal-assigurazzjoni tal-kwalità

L-interazzjoni bejn l-awtonomija tal-iskejjel u r-responsabbiltà titlob li jkun hemm sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità li jkunu b'saħħithom iżda flessibbli[54]. Teżisti tendenza kbira reċenti lejn id-deċentralizzazzjoni u ż-żieda fl-awtonomija tal-iskejjel. L-għoti ta' aktar awtonomija lill-iskejjel fuq il-prattiki u fuq l-organizzazzjoni tal-iskejjel jew fuq l-użu tagħhom tar-riżorsi finanzjarji jagħtihom aktar opportunitajiet biex jadattaw għall-ħtiġijiet speċifiċi u għall-kuntest lokali tagħhom. Madankollu, il-benefiċċji ta' dan jiddependi mill-kapaċità tal-iskejjel li jippjanaw b'mod effettiv u jimmaniġġjaw l-iżvilupp tagħhom stess, kif ukoll minn kemm huma responsabbli quddiem il-ġenituri, il-komunitajiet lokali u l-awtoritajiet tal-edukazzjoni.[55] Ir-riżultati ta' PISA juru li l-awtonomija tal-iskejjel twassal għal kisba aħjar tal-ħiliet bażiċi meta tingħaqad mar-responsabbiltà. Il-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità jvarjaw ħafna madwar l-Ewropa,[56] iżda għandhom xi sfidi komuni. Dawn jinkludu kif: jiġu stabbiliti l-għanijiet u jitkejjel il-progress għas-sistemi edukattivi u għat-tagħlim tal-istudenti; titfassal l-assigurazzjoni tal-kwalità għal sistemi edukattivi dejjem aktar deċentralizzati u mqassma fuq diversi livelli; jitħeġġu d-djalogu u kultura ta' fiduċja bejn il-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni; u l-prijorità lir-riżorsi umani u finanzjarji.

L-iżvilupp ta' għodod u ta' proċessi xierqa għal dejta kwantitattiva u kwalitattiva jsaħħaħ l-assigurazzjoni tal-kwalità. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità jikkunsidraw il-klima fl-iskejjel u l-benesseri tal-istudenti kif ukoll l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-istudenti. Kemm id-dejta kwantitattiva kif ukoll id-dejta kwalitattiva huma meħtieġa għal din il-perspettiva bbilanċjata[57]. L-iskejjel u l-partijiet ikkonċernati lokali jridu jinvestu fil-bini tal-kapaċità biex jidentifikaw l-aktar għodod u indikaturi xierqa biex jissorveljaw kemm il-

---

[50] OECD (f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea): *School Resources Review*, http://www.oecd.org/education/schoolresourcesreview.htm

[51] Eurostat, Statistiki ġenerali dwar il-finanzi tal-gvernijiet.

[52] Il-Kummissjoni Ewropea (2016), *Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2016*.

[53] https://ec.europa.eu/info/publications/2017-european-semester-country-reports_mt

[54] ET2020 *Working Group Schools interim report on Quality assurance for school development* , April 2017

[55] Hanushek, E.A., Link, S. u Woessmann, L. (2013), *Does school autonomy make sense everywhere?* Stimi tal-Bord minn PISA, *Journal of Development Economics*, Vol. 104, pp. 212-232.

[56] Il-Kummissjoni Ewropea (2015), *Comparative study on quality assurance in EU school education systems: Policies, procedures and practices. Rapport finali.*

[57] ET2020 Working Group Schools interim report on *Continuity and transitions in learner development*, April 2017

progressjoni tal-istudenti kif ukoll l-iżvilupp tal-iskejjel u jiżviluppaw komprensjoni komuni dwar kif jinterpretaw id-dejta. Jenħtieġ li dan ikun ikkumplimentat minn mekkaniżmi ta' monitoraġġ estern bħal evalwazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali tal-iskejjel u/jew valutazzjonijiet tal-istudenti fuq skala kbira. It-trasferiment minn approċċ ta' "lista ta' kontroll" iffokat fuq il-konformità formali mar-regoli u mal-proċeduri, għal approċċ ta' sostenn iffokat fuq l-iżvilupp tal-iskejjel jgħolli l-istandards u jtejjeb l-eżiti tat-tagħlim[58].

5. Konklużjoni – it-triq 'il quddiem

It-titjib tal-edukazzjoni huwa l-pedament tal-inizjattiva tal-Kummissjoni "Ninvestu fiż-Żgħażagħ tal-Ewropa". B'mod partikolari, il-kwalità tal-iskejjel taqdi rwol ewlieni fit-tiswir tal-prospetti taż-żgħażagħ. L-iskejjel iwittu t-triq għas-suċċess professjonali. Dawn joffru possibbiltà unika għall-mobilità soċjali. Madankollu, dan mhux dejjem ikun il-każ. Id-dejta l-ġdida ta' PISA hija allarmanti għall-Ewropa: is-sehem ta' studenti li jġibu marki baxxi fix-xjenza żdied minn 16.6 % fl-2012 għal 20.6 % fl-2015. 11 % tal-istudenti jitilqu mill-iskola mingħajr kwalifika formali. Jekk dawn in-nuqqasijiet fl-edukazzjoni skolastika ma jiġux indirizzati, miljuni ta' żgħażagħ se jkollhom nuqqas ta' opportunitajiet f'ħajjithom.

It-tisrif ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja f'realtà għaż-żgħażagħ kollha huwa tħassib kbir għall-ġejjieni tal-Ewropa. Id-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa ta' April tal-2017[59] jiddikjara li l-edukazzjoni hija fost il-fatturi li se jiddeterminaw dejjem aktar il-ġejjieni tas-soċjetajiet u tal-ekonomiji tagħna; fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma tas-27 ta' Marzu 2017, 27 Stat Membru ħadu impenn li jaħdmu lejn "*Ewropa soċjali: ...Unjoni fejn iż-żgħażagħ jirċievu l-aqwa edukazzjoni u taħriġ u jistgħu jistudjaw u jsibu impjiegi mal-kontinent kollu*"[60].

Ħidma lejn impenn kondiviż. It-titjib tal-edukazzjoni skolastika jistħoqqlu jkun prijorità assoluta. Dan japplika għall-Istati Membri u għall-UE u jirrekjedi kooperazzjoni msaħħa. Ir-riforma tas-sistemi edukattivi fl-iskejjel hija kompitu tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni hija lesta li tappoġġjahom billi tagħmel l-aqwa użu mill-għodod u l-proċessi tal-UE. B'mod partikolari, is-Semestru Ewropew huwa fattur li diġà wera li jikseb riżultati fir-riformi. Il-kooperazzjoni volontarja skont l-ET 2020 u ħidmiet oħra jenħtieġ li jiġu żviluppati aktar, biex dawn ikunu jistgħu joffru l-aħjar valur miżjud possibbli lill-Istati Membri. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ jintuża bis-sħiħ biex jgħin lill-Istati Membri sabiex jieħdu deċiżjonijiet politiċi infurmati u bbażati fuq l-evidenza. Mistoqsija importanti għall-kooperazzjoni fil-ġejjieni hija jekk jiġix stabbilit valur referenzjarju aktar ambizzjuż fil-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola. Kwistjoni importanti oħra hija kif jista' jintuża bl-aħjar mod il-programm Erasmus+ biex aktar żgħażagħ Ewropej jingħataw esperjenzi ta' tagħlim barra minn pajjiżhom u jiżdiedu l-kapaċitajiet eżistenti għall-appoġġ tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni fl-edukazzjoni skolastika u tal-għalliema.

Is-suċċess se jiddependi fuq il-kooperazzjoni mill-qrib. Is-Summit dwar l-Edukazzjoni ppjanat għat-tieni nofs tal-2018 se jindirizza l-ekwità fl-edukazzjoni u kif għandhom jiġu

[58] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità li tappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-20 ta' Mejju 2014.
[59] COM(2017) 206.
[60] Dikjarazzjoni ta' Ruma, Dikjarazzjoni tal-mexxejja ta' 27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, 25 ta' Marzu 2017.

appoġġjati aħjar il-gruppi żvantaġġati fl-edukazzjoni. Se joffri l-ewwel opportunità biex jiġi diskuss il-futur tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u b'mod partikolari fl-edukazzjoni skolastika.